31998R1434

L 191/10 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 7.7.1998

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1434/98 tad-29 ta' Ġunju 1998 li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-aringi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett tal-bniedem

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jitsabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2115/77 tas-27 ta' Settembru 1977 li jipprojbixxi s-sajd dirett u l-ħatt ta' l-aringi għal skopijiet industrijali mhux għall-konsum dirett tal-bniedem ([3]) hu bbażat fuq sitwazzjoni ta' sfruttament eċċessiv li m'għadhiex teżisti f'ħafna inħawi ġeografiċi;

Billi l-popolazzjonijiet ta' l-aringi fil-baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound bħalissa mhumiex fil-perikolu; billi t-titjib fl-utilizzazzjoni ekonomika ta' dawn il-popolazzjonijiet tippermetti li jsir sajd għalihom għal skopijiet mhux għall-konsum dirett tal-bniedem; billi m'hemmx bżonn li ssir restrizzjoni fuq l-iskop industrijali li għalih isir il-ħatt ta' dawn il-popolazzjonijiet;

Billi s-sajd industrijali għall-aringi fil-Baħar Baltiku jista' jagħti bidu għal qabdiet imdaqqsa mhux intenzjonati ta' bakkaljaw; billi għalhekk dan is-sajd m'għandux ikun permess fl-inħawi fejn il-bakkaljaw ikun abbundanti;

Billi l-istat tal-popolazzjoni ta' l-aringi fil-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat iqanqal tħassib serju;

Billi fil-każ tal-popolazzjonijiet l-oħra ta' l-aringi fl-Atlantiku tal-Grigal, il-prattika preżenti tas-sajd jiġifieri s-sajd għall-konsum tal-bniedem, jikkawża rati għolja biżżejjed ta' sfruttament; billi, għalhekk, mhumiex mixtieqa bidliet fil-prattika tas-sajd għal dawn il-popolazzjonijiet;

Billi l-livell tal-qabdiet mhux intenzjonati għandu jiġi limitat fil-każ tas-sajd industrijali mmirat għal speċi oħra; billi l-qabdiet mhux intenzjonati taħt dawn il-limitazzjonijiet jistgħu jintużaw għal skopijiet industrijali;

Billi Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd ([4]) tipprovdi għall-kontroll bl-użu tas-satellita ta' bastimenti li jkunu jistadu għal skopijiet industrijali mill-1 ta' Lulju 1998 'l quddiem;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 88/98 tat-18 ta' Diċembru 1997 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra tal-Baħar Baltiku, l-Belts u s-Sound ([5]) jistipula l-kondizzjonijiet għas-sajd ta' l-aringi f'dawn l-ibħra;

Billi Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/97 tad-29 ta' April 1997 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd ([6]) jistipula l-kondizzjonijiet għaż-żamma abbord u għall-ħatt ta' l-aringi maqbuda fir-Reġjuni 1 u 2 b'tagħmir tas-sajd użat fil-preżent f'sajd għal skopijiet industrijali li ma jkunx għall-konsum tal-bniedem,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet ta' l-ibħra li ġejjin:

**Ir-Reġjun 1:**

L-ibħra kollha li qegħdin fit-tramuntana u l-punent ta' linja għaddejja mill-punt fil-latitudni 48° T, lonġitudni 18° P, u minn hemm għat-tramuntana għal-latitudni 60° T, u minn hemm lejn il-lvant għal-lonġitudni 5° P, u minn hemm għat-tramuntana għal-latitudni 60°30' T, u minn hemm lejn il-lvant għal-lonġitudni 4° P, u minn hemm għat-tramuntana għal-latitudni 64° T, u minn hemm lejn il-lvant għall-kosta tan-Norveġja.

([1]) ĠU C 25, ta' l-24.1.1998, p. 19.
([2]) L-Opinjoni mogħtija nhar id-19 ta' Ġunju 1998 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 247, tat-28.9.1977, p. 2.
([4]) ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2205/97 (ĠU L 304, tas-7.11.1997, p. 1).
([5]) ĠU L 9, tal-15.1.1998, p. 1.
([6]) ĠU L 132, tat-23.5.1997, p. 1.

**Ir-Reġjun 2:**

L-ibħra kollha li jinsabu fit-tramuntana tal-latitudni 48° T, iżda minbarra l-ibħra tar-Reġjun 1 u d-Diviżjonijiet ta' l-ICES IIIb, IIIċ and IIId.

**Ir-Reġjun 3:**

L-ibħra kollha li jikkorrispondu mas-Sub-żoni ta' l-ICES VIII u IX.

2. Id-Diviżjonijiet ta' l-ICES IIIb, IIIċ u IIId diviżi fi 11-il sub-diviżjoni nnumerati minn 22 sa 32 li huma spjegati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 88/98.

*L-Artikolu 2*

1. L-aringi li jinqabdu waqt is-sajd:

— fir-Reġjuni 1 u 2 bi xbieki li t-toqob tagħhom ikunu ta' lanqas iżgħar minn 32 mm jew,

— fir-Reġjuni 3 bi xbieki li t-toqob tagħhom ikunu ta' lanqas iżgħar minn 40 mm jew,

ma jistgħux jinżammu abbord sakemm dawn il-qabdiet:

(i) ma jkunux inqabdu fis-Sub-żona IV ta' l-ICES, u ikunu jikkonsistu f'taħlita ta' aringi u speċi oħra, ma jkunux magħżula u l-aringi ma jkunux jaqbżu l-20 % bl-użin tal-piż totali kkombinat ta'l-aringi u l-ispeċi l-oħra maqbuda b'dan it-tagħmir u miżmuma abbord jew;

(ii) ma jkunux inqabdu fid-Diviżjoni IIIa ta' l-ICES, ikunu jikkonsistu f'taħlita ta' sardin u aringi biss, ma jkunux magħżula u l-aringi ma jkunux jaqbżu l-10 % bl-użin tal-piż totali ikkombinat ta' l-aringi u s-sardin maqbuda b'dan it-tagħmir u miżmuma abbord jew;

(iii) ma jkunux inqabdu fid-Diviżjoni IIIa ta' l-ICES, ikunu jikkonsistu f'taħlita ta' aringi u speċi oħra, kemm jekk ikun fiha sardin kif ukoll jekk le, ma jkunux magħżula u l-aringi ma jkunux jaqbżu l-5 % bl-użin tal-piż totali kkombinat ta' l-aringi u l-ispeċi l-oħra maqbuda b'dan it-tagħmir u miżmuma abbord jew;

(iv) ma jkunux inqabdu barra s-Sub-żona IV ta' l-ICES, jew id-Diviżjoni IIIa ta'l-ICES, ikunu jikkonsistu f'taħlita ta' aringi u speċi oħra, ma jkunux magħżula u l-aringi ma jkunux jaqbżu l-10 % bl-użin tal-piż totali kkombinat ta' l-aringi u l-ispeċi l-oħra maqbuda b'dan it-tagħmir u miżmuma abbord.

2. L-aringi li ma jkunux inqabdu b'bastimenti tas-sajd tal-Komunità meta dawn ikunu qed jistadu fid-Diviżjonijiet IIIb, jew IIIċ ta' l-ICES Diviżjoni IIId ta' ICES lejn il-Punent ta' 16° L bi xbieki li l-iżgħar toqob tagħhom ikunu anqas minn 32 mm, ma jistgħux jinżammu abbord sakemm dawk il-qabdiet ma jkunux jikkonsistu f'taħlita ta' aringi u speċi oħra, ma jkunux magħżula, u l-aringi ma jaqbżux l-20 % bl-użin tal-piż totali kkombinat ta' l-aringi u l-ispeċi l-oħra maqbuda b'dan it-tagħmir u miżmuma abbord.

3. L-aringi li jinqabdu b'bastimenti tas-sajd tal-Komunità waqt li jkunu jistadu:

— fil-lvant ta' 16° L fis-Sud-diviżjonijiet minn-25 sa 27 tad-Diviżjoni IIId ta'l-ICES bi xbieki li l-iżgħar toqob tagħhom ikunu anqas minn 32 mm jew,

— fis-Sud-diviżjoni 28 tad-Diviżjoni IIId ta' l-ICES jew f'dik il-parti ta' Sud-diviżjoni 29 ta' Diviżjoni IIId ta' l-ICES li qiegħda fin-nofsinhar tal-latitudni 59°30' T bi xbieki li l-iżgħar toqob tagħhom ikunu anqas minn 28 mm jew,

— fis-Sud-diviżjonijiet minn 30 sa 32 tad-Diviżjoni IIId ta'l-ICES jew f'dik il-parti tas-Sud-diviżjoni 29 tad-Diviżjoni IIId ta' l-ICES li qiegħda fit-tramuntana tal-latitudni 59°30' N bi xbieki li l-iżgħar toqob tagħhom ikunu anqas minn 16 mm jew,

ma jistgħux jinżammu abbord sakemm dawn il-qabdiet ma jkunux jikkonsistu f'taħlita ta' aringi u speċi oħra, ma jkunux magħżula u l-aringi ma jaqbżux 45 % bl-użin tal-piż totali kkombinat ta' l-aringi u l-ispeċi l-oħra maqbuda b'dan it-tagħmir u miżmuma abbord.

*L-Artikolu 3*

1. Il-qabdiet ta' l-aringi li jinqabdu:

— fir-Reġjuni 1 u 2 bi xbieki mkarkra li l-iżgħar toqob tagħhom jistgħu jkunu ta'32 mm jew aktar jew,

— fir-Reġjun 3 bi xbieki mkarkra li l-iżgħar toqob tagħhom jistgħu jkunu ta' 40 mm jew aktar jew,

— fid-Diviżjonijiet IIIb jew IIIċ ta' l-ICES bi xbieki miġbuda li l-iżgħar toqob tagħhom ikunu daqs jew aktar minn 32 mm jew,

— fis-Sud-diviżjoni 24 jew f'dik il-parti tas-Sud-diviżjoni 25 fil-punent ta' 16°00' L tad-Diviżjoni IIId ta' l-ICES bi xbieki mkarkra li l-iżgħar toqob tagħhom ikunu ta' lanqas ta' 32 mm jew

— fir-Reġjuni 1 jew 2 jew 3 fid-Diviżjonijiet IIIb jew IIIċ ta' l-ICES jew fid-Diviżjoni IIId ta' l-ICES fil-punent ta' 16°00' L b'kull tagħmir tas-sajd minbarra bi xbieki mkarkra,

m'għandhomx jinħattu ħlief għall-konsum dirett tal-bniedem sakemm ma jkunux inħarġu fis-suq għall-konsum dirett tal-bniedem u ma jkunx instab xerrej għalihom.

2. Iżda,

— l-aringi li jinqabdu bi kwalunkwe tagħmir tas-sajd fid-Diviżjoni IIId ta' l-ICES fil-lvant ta' 16°00' L jew,

— l-aringi li jinqabdu bi kwlunkwe tagħmir tas-sajd taħt il-kondizzjonijiet spjegati fl-Artikolu 2,

jistgħu jinħattu għal skopijiet oħra minbarra dak tal-konsum dirett tal-bniedem.

*L-Artikolu 4*

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002 il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq il-bażi ta' Rapport jew Proposta mill-Kummissjoni, dwar xi aġġustamenti meħtieġa għal dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 5*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2115/77 qiegħed b'hekk jitħassar.

*L-Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġI wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Ġunju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. COOK